MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-10 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 309/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Anthony Mifsud**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Anthony Mifsud talli fit-13 ta’ Frar, 2001 ghall-habta tal-10.00 am, fi Triq Manwel Dimech, kantuniera ma’ Triq il-Freres, tas-Sliema, saq vettura numru JAB-565 (**1**) b’manjiera perikoluza, (**2**) b’manjiera traskurata, (**3**) b’manjiera bla kont, (**4**) saq l-imsemmija vettura kontra s-sinjal tat-traffiku indikat f’dik il-lokalita`, (**5**) naqas li jaghmel uzu mis-*seat belt* waqt is-sewqan, (**6**) kif ukoll ingombra l-passagg liberu ghal traffiku iehor jew persuni fit-triq, (**7**) u aktar, naqas li jobdi l-ordni legittima moghtija lilu mill-Pulizija, (**8**) qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-pubbliku, u (**9**) irrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu lill-

Pulizija meta talabhomlu; l-ewwel qorti kienet mitluba li tiskwalifika lil Mifsud mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal periodu ta' mhux anqas minn tlett xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Novembru, 2002 li permezz taghha dik il-qorti, wara li ddikjarat l-azzjoni fir-rigward tar-reati ipotizzati fir-raba', fil-hames, fis-sitt, fis-seba', fit-tmien u fid-disa' imputazzjonijiet preskritta, sabet lill-imsemmi John Anthony Mifsud hati skond l-ewwel tlett imputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' sebghin lira (Lm70) u skwalifikatu milli jkollu jew izomm licenzi tas-sewqan ghal tlett xhur;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Anthony Mifsud, minnu ppresentat fid-9 ta' Dicembru, 2002 li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' April, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi li kellha quddiemha. Skond l-appellant, permezz tad-deposizzjoni tieghu – li biha kkontradica dak li xehed is-Surgent 928 Ramon Mifsud Grech, l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni – l-ewwel qorti kellu jirrizultalha *"…dubju dwar kemm verament kien hemm seqan traskurat, u iktar u iktar [kemm verament] kien hemm sewqan bla kont u perikoluz"*.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi bir-reqqa – provi konsistenti fid-deposizzjoni tas-Surgent Mifsud Grech u ta' l-appellant – hija tal-fehma li ghandha taghti affidament lid-deposizzjoni ta' l-imsemmi Surgent u mhux lil dik ta' l-appellant. Mid-deposizzjoni tal-imsemmi Surgent jirrizulta li l-appellant saq b'mod traskurat kemm meta dahal *wrong way* fi Triq il-Freres (biex hemmhekk jipparkeggja ghal ftit hin sakemm imur jixtri xi medicini minn spizerija), kif ukoll meta, wara li ghat-tieni darba s-Surgent qallu biex ma jibqax fejn kien parkeggjat, huwa telaq minn hemm u tela' l-ahhar parti ta' Triq Manwel Dimech b'velocita` eccessiva – fi kliem is-Surgent *"…beda jghaqqadhom u tela' sparat"*. Din il-Qorti, pero`, ma tistax tkkondividi l-konkluzjoni ta' l-

ewwel qorti li b'dak li ghamel l-appellant huwa kien saq b'manjiera bla kont jew b'manjiera perikoluza.

Ghall-motivi premessi, din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni u skond it-tielet imputazzjoni, kif ukoll f'dik il-parti fejn ikkundannatu multa ta' sebghin lira u skwalifikatu mill-licenzji tas-sewqan ghal tlett xhur, u minflok (filwaqt li tikkonferma s-sejbien ta' htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni) tikkundanna lill-istess appellant multa ta' hamsin lira (Lm50) (konvertibbli f'ghaxart ijiem prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi) u tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' ghoxrin gurnata; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Il-periodu ta' skwalifika jibda jiddekorri minn nofs il-lejl u minuta ta' ghada.

--------------------------------TMIEM--------------------------------